**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**24/18**

**Minuti tal-erbgħa u għoxrin (24) Laqgħa b'Urġenza tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar t-Tnejn 25 ta' Ġunju, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u skużati** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier (bagħat ittre) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (iżżewweġ) |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier (ma jiflaħx, bagħat ittre) |
| **Mistiedna** | Is-Sinj Romina Periċi Ferrante | - | *Accountant* |

**Aġenda:** *Financial Indicators March 2012*

Il-laqgħa bdiet fis-5.40 ta' filgħaxija.

1 ***Financial Indicators March 2012***

1.1 Is-Sindku introduċa lis-Sinj Romina Periċi Ferrante, l-*Accountant* tal-Kunsill, sabiex tati spjegazzjoni tal-*Financial Indicators* ta' Marżu 2012.

1.2 Is-Sinj Periċi Ferrante spjegat fuq is-*surplus* ta' €44,490 tal-ewwel tliet xhur tas-sena 2012 u tat spjegazzjoni fuq id-differenzi li hemm fuq l-*excel sheet* 2.3. Hija ndikat li l-ispejjeż tal-PPP mhumiex inklużi.

1.3 Is-Sinj Periċi Ferrante infurmat lill-Kunsillieri li bhalha *refuse collection*, il-Kunsill qiegħed jiffranka xi flus peress li l-kont qiegħed ikun ta' madwar €5932.75 meta qabel mal-*Northern Cleaning Co-op* kien ta' €6427.69. Dan jista' jkun il-każ peress li l-Kunsill kien neħħa l-*bins on wheels* iżda, s-Sindku sostna li ma kellhiex x'taqsam. L-ASE ghandha tara ghalfejn *invoice* PV numru 201/11 li giet imħallsa b'ċekk numru 4982 kienet ta' €6,427.69 u *invoice* oħra PV numru 274/11 tħallset b'ċekk numru 5119 kienet ta' €9,887.92. Peress, li hemm differenza f'dawn il-kontijiet imsemmija,

l-*accountant* ikkonfermat li bil-kuntratt il-ġdid il-kuntrattur tħallas €74,940 fis-sena u bil-kuntratt ta' qabel il-kuntrattur kien jitħallas €78,034 fis-sena.

1.4 L-*Accountant* infurmat lill-Kunsillieri preżenti li l-*financial indicator* għall-ewwel kwart tas-sena kien tajjeb ferm ta' 51.19%, u l-Kunsill kellu surplus ta' €44,490. *Capital expenditure* kien ta' €28, 500. Bħalha dħul miċ-ċitazzjonijiet żdied u dan wassal għad-dħul konsiderevoli fl-ewwel 3 xhur tas-sena.

1.5 Is-Sindku staqsa dwar il-*budget* għall-manteniment tal-ġonna (Parks and Gardens) u l-*Accountant* infurmatu li hemm *budget* ta' €3,000 fejn il-Kunsill kien nefaq €25 biss sa l-ewwel tlett xhur tas-sena.

1.6 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillieri li peress li kien hemm l-*Accountant* preżenti, huwa infurmahom li l-Kuntratt tagħha kien ser jiskadi fl-aħħar ta' Ġunju u ppropona li sakemm jinħareg *tender* ġdid, il-Kunsill jibqa juża s-servizzi tas-Sinj Periċi Ferrante sakemm jintgħazel *Accountant* ġdid. Il-Kunsillieri preżenti qablu kollha ma din il-proposta u l-*Accountant* aċċettat li tibqa tagħti servizz lill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

1.7 L-*Accountant* infurmat lill-Kunsillieri li l-eks ASE is-Sur JM Formosa infurmaha li għandhu bzonn il-P3. Il-Kunsillier is-Sur Charles Camilleri staqsa jekk l-eks ASE kienx ingħata l-flus li kellu jieħu? Is-Sindku wieġeb li meta kienu talbu l-eks ASE biex jagħti lura r-*recording*s li kien ħa, biex il-Kunsill ikompli jimxi, huwa kien kiteb bl-avukat tiegħu u baqa' ma bagħat xejn. Is-Sindku informa lil dawk preżenti li huwa kien kiteb *lid-Direttur darbtejn u għad m'għandhux risposta. L-Accountant kienet għamlet budget* sal-aħħar ta' Diċembru għall-*accrual* ta' numru ta' sigħat.

1.8 Il-Laqgħa spiċċat fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, 10 ta' Settembru 2012